# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 11 ta' Frar 2002**

**Avviz. numru 421/99**

**Numru 22**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Paul Muscat**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u sebgha u tletin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm737.18) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 377010 (skond kif jirrizulta mill-statement anness mal-avviz Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond Casa Lacey, Triq is-Sidra, Swieqi u dan kif jidher mis-"service agreement" anness mal-avviz u mmarkat Dok B.

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 31 ta’ Lulju 1998 u bit-taxxa fuq id-drittijiet prefessjonali u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi Dok A u Dok B.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-16 ta' Jannar 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm737.18,0 bl-imghax legali mill-31 ta‘ Lulju 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta’ Lulju 1998 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

Alan Calleja
Deputat Registratur